**FIL-QORTI CIVILI**

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 92/18 AGV**

A

vs

B , C f'isimha proprju u bhala eredi ta' D, E, F, G u H qua eredi ta' D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti A xebba Buhagiar twieldet fis-17 ta' April, tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1978) kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dokument A;
1. Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid hija indikata bhala wild D (li miet nhar is-26 ta' April, 2011) hija t-tifla naturali tal-konvenut B u tal-konvenuta ommha C ;

2. Illi l-attrici hija maghrufa bhala t-tifla naturali tal-konvenut C iben I u J (Dokument B) li minkejja li ma humiex imnizzel bhala l-missier naturali taghha jittrattaha bhala bintu.

3. Illi dan l-istat ta' fatt huwa ukoll ikkonfermat minn testijiet genetici li saru bejn l-attrici u l-konvenuti B u C , liema rizultat qed jigi anness u mmarkat Dokument C;

4. Illi l-attrici ghandha interess li fic-certifikat tat-twelid u ukoll fic-certifikat taz-zwieg taghha u kull att iehor sussegwenti jigi annotat li missierha naturali huwa l-konvenut B;

5. Illi minkejja li l-intimat B ghamel uzu mill-procedura ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u kemm ir-rikorrenti u l-intimata C ipprezentaw nota fl-atti tal-istess ittra ufficjali fejn urew il-qbil mal-istess, l-intimat Direttur ma riedx jirregistra tali rikonoxximent ghaliex fil-fehma tieghu ma setax tintuza l-procedura kkontemplata fl-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-esponent bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(a) Tiddikjara li l-attrici A nee' Buhagiar hija l-wild natural tal-konvenut B;
(b) Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-attrici A nee' Buhagiar certifikat numru 2076 tas-sena 1978 sabiex il-paternita' tal-attrici tigi korrettement rispekjata fl-istess att billi fil-kolonna fejn jinstabu mnizzlin il-konnotati ta' D, jigu sostitwiti bil-konnotati tal-konvenut B iben I u J xebba Barbara; u konsegwentement
(c) Tordna li f'kull att ta' stat civili li jirrigwardaw l-attrici fejn hemm imnizzel il-paternita' taghha l-isem ta' D jigi sostitwit bl-isem tal-missier naturali taghha B;
(d) B'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2018, giet mizjuda talba ohra u cioe' "Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' wild l-attrici K, Att numru 4856/95, fejn hemm indikat missier l-omm, jithassar l-isem D u jigi sostitwit bl-isem tal-konvenut "B."

Bl-ispejjes kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimati C f'isimiha proprju u bhala eredi ta' D, E, F, G u H *qua* eredi ta' D u B, fejn qed jammettu t-talbiet attrici fis-sens li l-attrici A nee' Buhagiar hija l-wild naturali tal-konvenut B u mhux ta' D li miet nhar is-26 ta' April, 2011.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa;-

1. Illi preliminarjament l-esponent tecepixxi illi l-ittra ufficjali u n-nota pprezentati skond l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ma setghux jigu accettati mid-Dipartiment konvenut stante li dan il-kaz si tratta wild li kienet imnissla u mwielda fiz-zwieg. Ghaldaqstant id-disposizzjonijiet tal-ligi li jiffurmaw parti mis-Sub-Titolu III tat-Tieni Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, u cioe' "Il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla u Mwielda Barra miz-Zwieg u fuq il-Prezunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iz-Zwieg," ma jistghux japplikaw ghal kaz in dizamina;
1. Illi bla hsara ghal premess u b'referenza ghall-Artikolu 77 tal-Kodici Civili, li jaqra:- "Bla hsara ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata ukoll minn kull min ikollu interess:-

(a) Jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jgahmmar ma' martu minhabba li kien boghod minnha jew minhabba f'xi accident iehor; jew
(b) Jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel bhala l-missier naturali tat-tifel (enfazi tal-esponenti).

2. Illi l-esponenti teccepixxi illi preliminarjament qabel ma tigi ttrattata l-paternita' ta' A, ghandha tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza Artikolu 77 tal-Kodici Civili u cioe' li l-pussess ta' stat tal-attrici ma jaqbilx mal-istatus ta' wild legittimu li jemanixxi mill-Att tat-Twelid taghha stess;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenit tistqarr li m'hijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi stante li tali proceduri jittrattaw *denegata paternita',* l-atturi sussegwentement jehtigilhom illi jipprovaw u jissodisfaw wahda mir-rekwiziti li jelenka Artikolu 77 tal-Kodici Civili. Ghal dan il-ghan, l-attrici pprezentat rapport tat-test genetiku illi jikkonferma li hija proprju bint il-konvenut B. Madanakollu jonqos illi l-imsemmi test jigi mahluf mit-tekniku;
5. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem id-defunt D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid ta' A.
6. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qiedgha minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti, li tikkonferma li minn dejjem kienet taf li kienet il-wild naturali ta' B u li dejjem kien jittrattaha bhala bintu u sahansitra kellha relazzjoni mieghu bhala genitor u bint. Tispjega ukoll kif binha li llum ghandu 22 sena, minn dejjem kien jikkonsidra lil B bhala nannuh u fil-fatt kien isejjahlu bhala Nannu B, ghax missierha kien maghruf bhala B.

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar, li kkonfermat li wara li gabret il-kampjuni orali ta' C, ta' A u ta' B, ghamlet it-testijiet necessarji u rrizultalha li B huwa l-missier naturali tar-rikorrenti.[1]

Rat l-affidavit tal-intimat B li kkonferma li hu kien il-missier naturali tar-rikorrenti u li din kienet twieldet fis-17 ta' April, 1978 minn relazzjoni li kellu m' ommha fis-sena 1974. Ighid li dejjem kien prezenti f'hajjitha, kif ukoll dan kien fatt maghruf ma' diversi membri tal-familja.

[1] Vide DNA Paternity Test Report ta' Dr.Marisa Cassar a fol. 25 tal-process.

Rat l-affidavit ta' C, li tispjega kif ghall-habta tas-sena 1974 hi kellha problem ma' zewgha D u kienet bdiet relazzjoni mal-intimat B. Tghid li hu u zewgha kienu separati taht l-istess saqaf u ma kienx ikollhom relazzjoni intimi u dan kien ghall-habta tas-sena 1975, peress li kien qed ikollha relazzjonijiet intimi ma' B.

Tistqarr li kien l-istess B li kien iddecieda l-isem tar-rikorrenti peress li kien jehtieg li jkuin hemm aktar konnessjoni mieghu. Tghid ukoll illi kienet tlaqqa' lit-tifla ma' missierha u kien dejjem taha l-ghajnuna f'kull stadju ta' hajjitha u li kien ghadu sallum ighin lil bintu, minkejja li kienet hadet l-istat taghha u kienu f'kuntatt regolari mieghu.

Rat l-affidavit ta' K, bin ir-rikorrenti li ghandu 22 sena. Jispjega kif ghalih B dejjem kien iqisu bhala nannuh u minn meta kien zghir kien imur izuru u kienu jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss. Ighid li nannuh kien jixtrilu hafna rigali sbieh u peress li kien dilettant tal-Manchester United, kien itih rigali tat-team tal-futbol. Itenni u jghid li llum li nannuh jinstab go dar tal-anzjani r-Rabat, xorta ghadu jmur jarah mal-gharusa tieghu u qatt ma kien hemm mumenti f'hajtu fejn B ma kienx ikkunsidrat bhala membru tal-familja tieghu.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**Il-Fatti**

1. Illi omm ir-rikorrenti C kienet mizzewwga lil B, izda kienu joqoghdu sseparati taht l-istess saqaf.
2. Illi ghall-habta tas-sena 1974, C kellha relazzjoni ma' B u kien ikollha relazzjonijiet intimi mieghu, izda mhux ma' zewgha.

3. Minn din ir-relazzjoni twieldet ir-rikorrenti fis-17 ta' April, 1978 u kien l-istess B li kien tah isimha.
4. B dejjem kien prezenti f'hajjet ir-rikorrenti, kienu jiffrekwentaw lil xulxin u dejjem ha hsieb dak li kellha bzonn. Kellu anke relazzjonijiet tajbin man-neputi K, bin ir-rikorrenti, li jghid li kienu jqattghu hafna hin flimkien u sal-gurnata ta' llum kien imur izuru fid-dar tal-anzjani.
5. Dr. Marisa Cassar li zammet it-testijiet tad-DNA kkonfermat li B huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qajjem diversi eccezzjonjiet preliminari, li jridu jigu sorvolati qabel ma' din il-Qorti tkun tista' tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**

Dwar dina l-eccezzjoni, fir-rikors guramentat taghha, ir-rikorrenti ammettiet li kienet originarjament ghamlet uzu mill-proceduri ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u peress li dawn ma gewx accettati mid-Direttur tar-Registru Pubbliku kellha tinfetah dina l-kawza. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku tah spjegazzjoni fl-eccezzjoni tieghu, fejn assocja r-rifjut tieghu mal-fatt li l-proceduri taht l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili jirreferu ghal "Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla u Mwielda Barra miz-Zwieg u fuq il-Prezunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iz-Zwieg."

Gialadarba wara r-rifjut tad-Direttur tar-Registru Pubbliku r-rikorrenti pprocediet b'din il-kawza ta' denegata' paternita' dina l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 77 et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dwar is-sitwazzjonijiet partikolari meta parti interessata tista' titlob biex tigi ddikjarata bhala wild ta' haddiehor u mhux bhala wild ir-ragel t'ommhom, basta li tipprova li bejn it-300 jum u l-180 jum qabel it-twelid tal-wild zewgha kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu; jekk fl-istess zmien kien mifrud minnha *de facto* jew legalment; jekk fl-istess zmien jipprova li martu kkommettiet adulterju. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita'.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu d-dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-
**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;
(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;
(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.
(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile*" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti pprezentat kawza biex tigi rikonoxxuta bhala bint il-konvenut B u dan wara li twieldet frott ta' relazzjoni bejn ommha C u l-istess B. Mill-provi rrizulta car li omm ir-rikorrenti ma kellhiex relazzjoni tajba ma' zewgha, illum mejjet, D, tant li prattikament kienu jghixu separatament fl-istess dar u kien ghall-habta tas-sena 1974 li kien beda jkollha relazzjonijiet intimi ma' B u harget tqila. Kien fatt maghruf mal-membri tal-familja li t-tarbija ma kinitx ta' D, ghax f'dak il-perjodu, kif tametti omm ir-rikorrenti stess, kienet waqqfghet milli jkollha relazzjonijiet intimi ma' zewgha.

Mill-provi jirrizulta inekwivokabbilment li B kien dejjem prezenti fil-hajja tar-rikorrenti, dejjem ha hsiebha u kien "close" hafna anke man-neputi tieghu K. Ir-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija bint B minhabba l-impossibilita' fizika li l-intimata C u zewgha ghexu flimkien bejn it-300 u 180 jum qabel ma twieldet. Madanakollu, il-ligi stess, dejjem ghandha l-interess li zzomm l-istat tal-minuri stabbli u ma ccahhadix mill-familja li fiha kienet qed titrabba, izda taghti lok ghall-interpretazzjoni aktar flessibbli tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti pprezentat il-konkluzzjonijiet tat-testijiet tad-DNA mhejjin minn Dr. Marisa Cassar, fejn indubbjament rrizulta li hija bint B u ghalhekk inevitabbilment, il-presunzjonji legali taht l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet meghluba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hija l-wild naturali tal-konvenut B;

1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna li ssiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti A, kif mitluba;

2. Tilqa' t-tielet talba u tordna li kull att civili li jirrigwarda r-rikorrenti fejn hemm il-paternita' taghha l-isem D jigi sostitwit bl-isem tal-missier naturali taghha B;

3. Tilqa' r-raba' talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' wild l-attrici K, Att numru 4856/95, fejn hemm indikat missier l-omm, jithassar l-isem D u jigi sostitwit bl-isem tal-konvenut "B."

4. Tilqa' s-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna li l-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem id-defunt D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid ta' A.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn ir-rikorrenti u C fi kwoti ndaqs.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**